MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1160/2002/1

**St. Mark's Health Clinic u b'digriet tat-Tribunal tat-30 ta' Settembru, 2002 l-isem ghandu jinbidel u jigi A & B Properties Limited**

**Vs**

**Joe Spiteri**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' tlett mija u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm382.50c) rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi medici pprovduti lill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici izda biss relazzjoni guridika mat-tobba ta' St Mark's Health Clinic.

Inoltre Joe Spiteri qal li l-operazzjoni in kwistjoni falliet totalment b'tort u htija ta' min kien involut fl-operazzjoni u s-servizz moghti pprokura dannu rriversibbli f'sahhtu.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-ewwel eccezzjoni giet michuda b'sentenza in parte datata 13 t'Ottubru, 2003.

Ra x-xhieda ta' Joe Spiteri li qal li madwar sitt snin ilu, t-tabib Albert Fenech kien ghamillu *pacemaker*, u minn dak iz-zmien ma kellux problemi f'qalbu. Madwar tlett snin ilu beda jhoss ugigh f'saqajh. Ghaldaqstant, Dr Ray Gatt irrakomanda li jnaddaflu l-*cartridge* sabiex imur l-ugigh. Jghid li l-operazzjoni saret St James Hospital, u damet xi ghaxar minuti u wara nofs siegha kien qam.

Ra l-Affidavit esebit minn Dr Saviour Pisani.

Ra x-xhieda ta' Louise Spiteri, mart il-konvenut illi tghid li l-ewwel intervent taht Dr Ray Gatt kien success. Malli hareg mit-teatru ta' l-operazzjoni gie f'sensih u l-ugigh kien marlu fis-sieq il-leminija. Meta bdiet tugghu s-sieq l-ohra, mill-gdid irriferew ghal Dr Ray Gatt. Billi St James Hospital ma kienx hemm *opening* qabel gimgha jew hmistax, iddecidew li l-intervent isir St Mark's l-ghada stess.

Dr Gatt jghid illi waqt l-intervent il-pazjent kellu xi diffikultajiet fin-nifs, u ma qamx mal-ewwel, tant li ttiehed l-isptar b'ambulanza. Dr Ray Gatt ikkonferma li dan gara kawza li l-loppju ma nghatax kif suppost. Mart il-konvenut tghid illi eventwalment, sahhet il-pazjent marret lura b'konsegwenza li kellu jigi *boarded out* mix-xoghol. Tiddikjara illi r-ragel hu ftit *overweight*. Dr Ray Gatt kien jaf bil-kundizzjoni ta' sahhet il-pazjent.

Ra x-xhieda ta’ Ruth Grech. Tghid illi kienet prezenti meta Dr Ray Gatt qal lil mart il-konvenut illi Joe Spiteri ma kienx inghata bizzejjed loppju, b’konsegwenza li kien mitluf minn sensih izda baqa’ jhoss, b’kagun li mar *into cardio arrest*.

Ra x-xhieda ta’ Dr Ray Gatt li gie ezentat mis-sigriet professjonali. Jikkonferma li Joe Spiteri kellu problemi bil-loppju, b’konsegwenza illi l-anestetista ma setax jestobah, iqajmu. Jghid illi x-xoghol ta’ l-anestetista ma jaqax fil-linja tieghu. Ma jafx x’gara waqt li l-pazjent kien fl-ITU.

**Ikkunsidra**

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qieghda titlob hlas ta’ tlett mija u tnejn u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm382.50c) rapprezentanti l-prezz ta’ servizzi medici pprovduti lill-konvenut. Il-konvenut sostna li m’ghandux ihallas dan l-ammont ghaliex l-intervent mediku falla ghal kollox u anzi b’rizultat ta’ dan l-intervent li suppost kellu jkun “relattivament minuri” hu sofra danni kbar.

Illi l-konvenut ma pprezenta ebda Konto-Talba izda sostna li m’ghandux ihallas ghall-intervent billi dan l-intervent falla ghal kollox.

Il-kont esebit a fol 38 tal-process jaghmel referenza ghal Surgeon Fee, Anaesthetic Fee u spejjez ohra.

Mill-provi jirrizulta li wara l-operazzjoni, l-anestetista ma setax iqajjem il-pazjent. Il-konvenut spicca fl-Intensive Care Unit.

Illi mill-provi dan it-Tribunal ma jistax jikkonkludi li kien hemm xi negligenza jew xoghol hazin da parti tal-kirurgu jew ta’ l-anestetista. Jirrizulta li xi haga ma marretx kif suppost izda dan ma jfissirx li l-konvenut gab provi li kien hemm xi negligenza jew xoghol hazin.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u tnejn u

tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm382.50c) bl-imghax mid-19 t'April, 2002 u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------